**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Frar 2017**

**Talba Nru: 605/15 CZ**

**Frank Schulz**

**vs**

**Hugh Pace u b'digriet tal-21 ta' Gunju 2016 Dr. Yanika Bugeja giet mahtura kuratur deputat sabiex tirraprezenta l-interessi ta' l-assenti Hugh Pace**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fit-28 ta' Lulju 2016 li permezz taghha qed jitlob il-hlas ta' elfejn Euro (€2000) rapprezentanti  depozitu u l-ahhar xahar kera skond l-iskritturi hemm annessi.

Illi b'digriet tal-21 ta' Gunju 2016, it-Tribunal awtorizza l-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenut f'dawn il-proceduri.

Illi b'risposta mressqa fl-20 ta' Settembru 2016, il-kuratur deputat tal-konvenut wiegbet illi mhix edotta mill-fatti tal-kawza odjerna u li f'kaz li jirnexxielha taghmel kuntatt mal-konvenut Hugh Pace, tirriserva li tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.

Illi wara din ir-risposta, ma tressqet l-ebda prova ohra f'din il-kawza, la minn naha u lanqas minn ohra.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob il-hlas lura ta' ammont ta' elfejn Euro (€2000) rapprezentanti depozitu u l-ahhar xahar kera skond l-iskritturi annessi mat-talba promotrici.

Illi ghat-Tribunal, dak li gie prezentat mat-talba promotrici huma biss diversi kopji ta' l-istess kuntratt, apparentement maghmul fil-21 ta' Dicembru tas-sena 2011, u ffirmat dejjem biss minn persuna wahda, u cioe' b'dik li jidher li hi l-firma ta' l-attur Frank Schulz.

Illi t-Tribunal qieghed biss jghid li 'jidher' li l-firma hija dik ta' l-attur, ghaliex dan ma gie konfermat bl-ebda mod quddiemu, la bil-gurament u lanqas b'mod iehor, u lanqas ma gie konfermat bil-gurament il-kontenut u l-veracita' tad-dokumenti nfushom li gew annessi mat-talba promotrici.

Illi t-Tribunal ghandu diffikulta' sabiex jistabbilixxi a bazi ta' xiex l-attur qed jaghmel it-talba tieghu, specjalment kunsidrat l-istat konfuzjonali li bih gew prezentati d-dokumenti annessi mat-talba promotrici, li ma nghataw l-ebda numru ta' referenza meta gew annessi mat-talba, kif ukoll anke minhabba l-fatt li jidher li hemm anke dokument datat 17 ta' Lulju 2015, mhux iffirmat, li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi fin-nuqqas ta' mqar konferma bil-gurament da parti ta' l-attur dwar dak li qed jippretendi li ghandu jiehu, u fin-nuqqas ta' spjega ragonevoli dwar it-talba tieghu, it-Tribunal ma jistax jakkolji t-talbiet kif maghmula.  Kien imiss lill-attur illi jipprova illi fil-verita' kien hemm kuntratt bejn il-partijiet u liema dritt kien qed jivvanta a bazi ta' l-istess kuntratt, haga din li ma rrizultat bl-ebda mod mill-atti.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi, fuq nuqqas assolut ta' provi, jichad it-talba ta' l-attur. L-ispejjez jithallsu kollha mill-attur.**

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur